MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 739/2000/1

Arcidiacono Limited

vs

(1) Avukat Generali u (2) Renato
u Antoinette mizzewgin Arcidiacono

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Arcidiacono Limited ppresentat fis-7 ta' April, 2000 li permezz tieghu gie premess:-
*"Illi s-socjeta` rikorrenti kienet konvenuta appellanti fil-kawza fl-ismijiet "Renato u Antoinette mizzewgin Arcidiacono vs Arcidiacono Limited" (Citazzjoni Nru 1612/96) deciza fit-8 ta' Gunju 1999. Illi in segwitu s-socjeta` rikorrenti ressqet talba ghal ritrattazzjoni ta' l-istess kawza fi stadju ta' l-appell.*

*Illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 1999, wara li giet appuntata t-talba ghar-ritrattazzjoni, is-socjeta` rikorrenti rrikuzat il-Qorti kif komposta u ssottomettiet illi s-smiegh tar-ritrattazzjoni m'ghandux isir mill-istess Imhallfin li ddecidew is-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni billi l-aggravju ghar-ritrattazzjoni huwa bazat fuq is-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12, u b'decizjoni moghtija fit-8 ta' Frar 2000 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell cahdet dan.*

*Illi s-socjeta` rikorrenti thoss illi din id-decizjoni tilledilha l-jedd taghha ghal smiegh xieraq a tenur ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi r-ragunijiet imressqa mis-socjeta` rikorrenti huma dawn:*

*1. Illi r-ritrattazzjoni mitluba mis-socjeta` rikorrenti, in segwitu ghall-ghoti tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fuq citata, hija mibnija fuq is-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Illi fir-ritrattazzjoni, meta s-socjeta` rikorrenti eccepiet ir-rikuza ta' l-Imhallfin li kienu ddecidew is-sentenza attakkata, hija invokat bhala raguni jew bazi ghaliha s-sentenza moghtija fl-10 ta' Ottubru 1991 mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Frank Cachia vs Onor. Prim Ministru et". Skond din id-decizjoni, fil-kaz ta' ritrattazzjoni a bazi tas-subinciz (e) ta' l-Art. 811 tal-Kap 12, bhal fil-kaz prezenti, l-Imhallfin u l-Magistrati li jkunu taw is-sentenza attakkata jistghu jigu rikuzati u/jew jistghu jastjenu milli jisimghu t-talba ghar-ritrattazzjoni, u b'hekk hemm deroga ta' natura kostituzzjonali ghall-artikolu 814 tal-Kap 12.*

*3. Illi filwaqt li cahdet l-eccezzjoni tar-rikuza, fid-digriet taghha tat-8 ta' Frar 2000 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell interpretat u rrestringiet l-applikazzjoni – jekk mhux ukoll eskludiet – tal-precitata sentenza fl-ismijiet "Frank Cachia vs Onorevoli Prim Ministru et" moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.*

*4. Illi jigi umilment sottomess illi l-ebda Qorti hlief l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali nfisha m'ghandha s-setgha li taghmel valutazzjoni dwar il-kostituzzjonalita` o meno ta' xi disposizzjoni legali. Fi kliem iehor, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma tistax tarroga ghaliha poteri li jappartjenu biss lill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali (u lill-Prim Awla tal-Qorti*

*Civili meta tagixxi f'sede kostituzzjonali). Ghalhekk, apparti l-komposizzjoni taghha, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma setghetx twettaq funzjoni li tispetta lill-Qorti Kostituzzjonali u tiddikjara implicitament li s-sentenza fl-ismijiet "Frank Cachia vs Onor. Prim Ministru et" giet sorpassata jew m'ghandhiex taghmel stat. Din hija funzjoni li tispetta biss lill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali (u lill-Prim Awla tal-Qorti Civili meta tagixxi f'sede kostituzzjonali). Ghalhekk, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, minhabba karenza ta' tali poter, ma setghetx bil-pronunzjament taghha iggib fix-xejn jew timmitiga jew tvarja l-pronunzjament ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 1991 fl-ismijiet "Frank Cachia vs Onorevoli Prim Ministru et" dwar l-anti-kostituzzjonalita` ta' l-artikolu 814 meta jigi abbinat ma' l-artikolu 811 (e) tal-Kap 12.*

*5. Illi, inoltre, jekk sitwazzjoni giet dikjarata bhala anti-kostituzzjonali, (f'dan il-kaz l-artikolu 814 tal-Kap 12 meta jigi abbinat ma' l-artikolu 811(e) tal-Kap 12) kif gara bis-sentenza fl-ismijiet "Frank Cachia vs Onorevoli Prim Ministru et", sakemm il-ligi ma tigix emendata mill-Parlament, la l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u lanqas l-inertia jew inattivita` tal-Parlament ma jistghu jbiddlu l-anti-kostituzzjonalita` hekk dikjarata bhala ezistenti. Anzi, fis-sentenza msemmija fl-ismijiet "Frank Cachia vs Onorevoli Prim Ministru et" gie ritenut mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali illi:*

*"..... Il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tmur izjed 'il-boghod ghaliex, malli b'sentenza li biha tigi pronunzjata tali inkonsistenza tkun ghaddiet in gudikat, tiehu effett, b'operazzjoni tal-ligi stess, il-prevalenza tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali proklamati fil-Konvenzjoni Ewropea u d-disposizzjoni partikolari msemmija tal-ligi ordinarja ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hekk pronunzjata inkonsistenti u in kwantu inkonsistenti, tigi bla effett. Dana r-rizultat jezimi kull awtorita` mill-bzonn li jsiru emendi jew revoki, skond il-kaz, ta' ligijiet ......."*

*6. Similment, il-fatt li ma gietx adottata xi haga li kien hemm fil-White Paper ma jservi bl-ebda mod biex jissana jew jirrendi konformi mal-Kostituzzjoni sitwazzjoni li tkun giet dikjarata anti-kostituzzjonali, irrispettivament mill-*

*White Paper, ladarba ma jkun sar l-ebda tibdil. Fi kliem iehor, il-fatt li l-White Paper kienet qed tipproponi illi sakemm ma jinghatax espressament il-kunsens tal-partijiet, f'kaz ta' ritrattazzjoni m'ghandux il-kaz jerga jinstema u jigi deciz mill-istess gudikanti riferibilment ghall-paragrafi (e), (f), (g), (i) u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12, u din il-proposta ma saritx ligi, ma jissanax sitwazzjoni dikjarata anti-kostituzzjonali precedentement b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, ladarba dik is-sitwazzjoni ma tigix rimedjata b'legizlazzjoni mill-Parlament. Ghall-kuntrarju, il-proposta kontemplata fil-White Paper kienet mixtieqa proprju* "biex b'hekk dan ikun kompatibbli mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem" *(pagna 15 tas-sentenza fl-ismijiet "Carmelo Bugeja et vs Onorevoli Prim Ministru et" moghtija fis-17 ta' Gunju 1994 mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.)*

*7. Illi, ghalhekk, meta l-artikolu 814 tal-Kap 12 jithaddem ma' l-artikolu 811 (e) tal-Kap 12 jilledi d-dritt fondamentali tas-socjeta` rikorrenti garantit mill-artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 (Att XIV ta' l-1987). Hekk kienet is-sitwazzjoni meta giet dikjarata anti-kostituzzjonali bis-sentenza "Frank Cachia vs Onorevoli Prim Ministru et" u hekk ghadha llum stante li ma nbidel xejn, ghaliex, kif irriteniet dik is-sentenza:*

*"Ghalhekk dik il-parti tal-artikolu 814 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fejn hemm provvdut illi "jistghu joqghdu l-istess imhallfin jew magistrati" li jkunu taw is-sentenza attakkata, ghalkemm mhux hekk fil-kazijiet l-ohra kollha li jissemmew fl-artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fejn jinghata lok ghall-ritrattazzjoni, fil-kazijiet fejn ir-ritrattazzjoni tkun qeghda tintalab ghaliex 'is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin', igifieri ghal dik ir-raguni msemmija fil-paragrafu (e) tal-istess artikolu 811, tidher li m'hix konsona ma' dak li tipprovdi l-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali fl-artikolu 6(1) ..."*

Dan premess is-socjeta` rikorrenti talbet li din il-Qorti:

*"joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk*

*id-direttivi li tqies xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali tas-socjeta` rikorrenti jigu protetti, billi tiddikjara illi l-artikolu 814 tal-Kap 12 meta jithaddem ma' l-artikolu 811(e) tal-Kap 12 jilledi d-drittijiet taghha, u konsegwentement is-smiegh tat-talba ghar-ritrattazzjoni mill-istess Imhallfin li ddecidew is-sentenza tat-8 ta' Gunju 1999 jivvjola wkoll id-dritt fondamentali tas-socjeta` rikorrenti sancit mill-artikolu 6 (1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319, u taghti r-rimedji kollha opportuni, fosthom kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghha.*

Fir-risposta tieghu ppresentata fl-24 ta' April, 2000 l-Avukat Generali talab li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk tichad fl-interezza tieghu r-rikors promotur bl-ispejjes, wara li ssottometta s-segwenti:-

*"Illi l-artikolu 814 tal-Kap 12 "mhaddem" ma' l-artikolu 811(e) ta' l-istess Kodici huwa kostituzzjonalment validu u ineccepibbli fit-twettiq tad-drittijiet fondamentali ghas-segwenti ragunijiet.*

*Illi fl-ewwel lok l-artikolu 814 tal-Kap 12 jaghmilha cara li hija haga fakoltattiva ghall-gudikanti joqghodux jew le fil-kawza tar-ritrattazzjoni. Ghalhekk huwa aktar minn ovvju li m'hemm xejn leziv tad-dritt fondamentali taht l-Artikolu 6 tal-Kap 319 li l-gudikant jithalla b'diskrezzjoni joqghodx jew le fil-kawza li tigi ritrattata. Ir-rikorrenti jippretendu li lanqas dan l-ezercizzju m'ghandu jithalla f'idejn il-gudikant.*

*Illi hemm gurisprudenza korollarja u kumplimentari ghall-sentenza kwotata mir-rikorrenti (cioe` Frank Cachia vs PM et) li tghallem li biex id-deroga kostituzzjonali msemmija f'dik is-sentenza jkollha effett, il-Qorti, kemm fil-kaz ta' rikuza kif ukoll fil-kaz ta' astensjoni, trid tkun sodisfatta li, almenu prima facie, it-talba ta' ritrattazzjoni tkun* ***verament*** *a bazi tas-subinciz (e) ta' l-artikolu 811 Kap 12.*

*Cioe` minn ezami ragionevoli imma mhux approfondit tal-kawzali kif espressa fir-rikors jew citazzjoni, trid tirrizulta bazi li mhux frivola, leggera jew wahda apparenti jew formali.*

*Kif sewwa ntqal fis-sentenza Joseph Micallef vs George Pisani (5 ta' Frar 1993, Vol. LXXVII.II.201)*

*"Jekk tkun hemm (i.e. il-karenza ta' bazi valida), ma tistax tigi mlqugha (it-talba ghar-rikuza) minghajr ma ggib hsara u konfuzjoni deprekabbli fis-sistema organizzattiv ta' dawn il-Qrati u flok ma sservi biex tigi amministrata l-gustizzja, tkun pretest biex min ikun sokkombenti fl-ewwel gudizzju, mhux biss jerga jiftah kawza definita imma wkoll jiftaha quddiem tliet Imhallfin differenti. Perikolu doppju ta' dak li, f'materja ta' ritrattazzjoni, ilu li gie ravvizat fil-gurisprudenza, kif gie awtorevolment espress minn din il-Qorti fis-sentenza tat-18 ta' April 1958 fl-ismijiet Rev. Sacerdot Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina".*

*Inoltre, kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, Francesco Saverio Borg vs Direttur Generali et (Vol. LXXX.I.159), u li kkwotat s-sentenza mertu tar-rikors promotur, l-artikolu 814 filwaqt li ma jeskludiex il-possibilita` li r-ritrattazzjoni terga' tinstema' quddiem Qorti preseduta mill-istess gudikant, imkien ma jimponi tassattivament li hekk isir.*
*Anzi fl-istess sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ntqal car li b'rispett shih tal-libertajiet fondamentali kif sanciti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea* ***l-artikolu 814 hu ghal kollox konformi ma dawn l-istituti legislattivi.***
*Ex admissis mill-istess rikorrenti, il-Parlament Malti ma messx l-artikolu 814 fl-emendi ta' l-1995 ghall-Kap 12 precizament ghaliex ried li tithalla d-diskrezzjoni f'idejn il-gudikanti meta jirrikuzaw ruhhom o meno. Dak li m'ghamilx il-Parlament fl-1995 is-socjeta` rikorrenti trid li taghmel din il-Qorti* **kontra** *kull gurisprudenza stabbilita minnha stess.*
*Illi fis-sentenza l-impunjata tat-8 ta' Frar 2000, il-Qorti ta' l-Appell ma arrogatx ghaliha xi poteri ta' qorti ohra izda kkostatat biss li ma kienitx "sodisfatta semplicement mill-vizjoni ta' l-atti u qabel ma' tisma trattazzjoni ulterjuri illi c-cirkostanzi kienu tali li jimponu fuqha li taccetta talba tar-rikuza."*
*Bla tlaqliq jinghad li jidher li l-Qorti kellha dubbju fondat li r-ritrattandi kienet qed timmanuvra biex ittawwal iz-zmien u tirritarda l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Ir-rikors kostituzzjonali tas-socjeta` rikorrenti huwa konferma ulterjuri li trid tintilef fi proceduri dilatorji.*

*Illi dan qed jinghad ghaliex kulma qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-8 ta' Frar 2000 kien li ghall-issa kienet ser tisma' s-sottomissjonijiet fil-mertu* ***IZDA*** *kienet lesta tikkunsidra mill-gdid il-posizzjoni jekk fil-kors ta' ritrattazzjoni jirrizultaw cirkostanzi ohra li jkunu jiggustifikaw tibdil f'dik id-decizjoni.*
*Huwa principju enuncjat mill-organi ta' Strasbourg f'materja ta' drittijiet fondamentali li biex ikun hemm lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni irid jigi pruvat 'l hekk msejjah* actual prejudice. *Fit-test Law of the European Convention on Human Rights, Morris et al (1995) hemm kwotat il-bran segwnti (kapitolu sitta):*
*"...... a detailed examination of the case-law does demonstrate that the Convention organs have often relied on the link between the fairness of the hearing and the more specific rights of Article 6 to require proof of actual prejudice before concluding on a violation in respect of the latter."*
*Jidher car ukoll li l-Qorti ta' l-Appell kienet ragionevolissima u rrispettat id-drittijiet difensjonali ta' kulhadd meta halliet il-kwistjoni miftuha jekk l-imhallfin sedenti jirrikuzawx ruhhom fejn ic-cirkostanzi hekk jimmeritaw u ddikjarat ruhha suggetta ghas-sottomissjonijiet in merito. Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti lanqas hjiel ta' pregudizzju ma soffriet.*
*Nonostante dan kollu r-rikorrenti, ghax forsi hekk jaqblilha, qed tisnatura s-sinnifikat tas-sentenza F. Cachia vs Onor. P.M. filwaqt li qed tinjora l-izvilupp gurisprudenzjali sussegwenti in materja."*

Fir-risposta taghhom il-konjugi Arcidiacono wkoll talbu li din il-Qorti tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bl-ispejjes u dana ghas-segwenti ragunijiet kif riportati fl-imsemmija risposta.
*"Illi s-socjeta` rikorrenti pprocediet quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kontra s-socjeta` "Arcidiacono Limited" fejn talbet li din tigi kkundannata thallas is-somma ta' LM20,000 bl-interessi legali mit-12 ta' Mejju 1995 ghal liema ammont din is-socjeta` kienet ikkostitwiet ruha certa u likwida debitrici b'kuntratt tat-12 ta' Mejju 1995 pubblikat minn Nutar Rita Sammut.*

*Illi din il-Qorti b'sentenza moghtija fl-10 ta' April 1997 laqghet it-talbiet attrici bl-ispejjes.*
*Is-socjeta` debitrici imsemmija appellat minn din is-sentenza u l-Qorti ta' l-Appell b'sentenza moghtija fit-8 ta' Gunju 1999 cahdet l-appell.*
*Din is-socjeta` ppresentat rikors ta' ritrattazzjoni fejn talbet ir-revoka ta' din l-ahhar sentenza u li l-kawza tigi ritrattata ghal-bazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kap 12 (Citaz. Nru. 1612/96).*
*Kontestwalment ipprezentat ukoll rikors iehor fejn talbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza imsemmija moghtija fit-8 ta' Gunju 1999 (Citaz. Nru 181/99).*
*Illi fil-mori tal-kawza (Nru 1612/96) fis-seduta tas-16 ta' Novembru 1999 is-socjeta` ritrattanda talbet ir-rikuza tal-Qorti kif kienet komposta.*
*Illi b'decizjoni moghtija fit-8 ta' Frar 2000 il-Qorti cahdet it-talba tar-rikuza u ordnat li l-appell jinstema fil-meritu u rizervat li tikkunsidra mill-gdid il-posizzjoni jekk fil-kors tar-ritrattazzjoni jirrizultaw cirkostanzi ohra li jkunu jiggustifikaw tibdil f'din id-decizjoni. Kliem sottolineat mill-esponenti).*
*Illi fis-seduta tal-11 ta' April 2000 is-socjeta` ritrattanda infurmat lill-Qorti tal-Appell illi kienet ipprezentat rikors quddiem il-prezenti Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali fejn talbet ir-rimedji necessarji minhabba ksur tad-drittijiet taghha fundamentali.*
*Illi l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Nru 181/99 cahdet it-talba tas-socjeta` ritrattanda biex tigi sospiza l-esekuzzjoni tas-sentenza tat-8 ta' Gunju 1999.*
*Illi l-istess Qorti fil-kawza Nru 1612/96 iddiferiet il-kawza sine die pendenti decizjoni definittiva fuq ir-rikors kostituzzjonali odjern.*
*Dawn huma l-fatti.*
*Illi llum bir-rikors odjern is-socjeta` rikorrenti fi ftit kliem qed tippretendi illi l-Artikolu 814 tal-Kap 12 ma ghandu l-ebda forza legali ghaliex imur kontra l-Artikolu 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319.*
*Illi sakemm l-Artikolu 814 tal-Kap 12 ma jigiex impunjat jew emendat ghandu jibqa operativ.*
*Jekk is-socjeta` jidhrilha li dan l-Artikolu huwa anti-kostituzzjonali kellha mezzi biex tattakkah li ma ghamlitx.*

*Illi jirrizulta b'mod car illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza tar-ritrattazzjoni indunat illi s-socjeta` imsemmija kienet biss timmanuvra u tuza mezzi biex tostakola l-amministrazzjoni tal-gustizzja u tipprova tiggwadanja zmien biex ma thallasx id-debitu minnha stess rikonoxxut fl-imsemmi kuntratt.*
*Konsegwentement il-Qorti ta' l-Appell gustament cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza u ma ipprivatx is-socjeta` milli tiggieled glieda accademika b'telf ta' zmien ghal Qorti presenti.*
*Illi ta' min jinnota illi il-Qorti tal-Appell kienet altru milli prudenti meta kif inghad irrizervat li tikkunsidra il-posizzjoni taghha wara li tisma "prima facie" il-fatti fil-meritu.*
*Hawn wiehed jistqasi kif is-socjeta` rikorrenti tista' tghid li ma kienx hemm "fair trail" semplicement meta il-Qorti kif komposta kienet ghadha sejra biex tibda tisma il-meritu taht ir-rizerva li kienet ghamlet?*
*Fl-umili opinjoni tal-esponenti fil-fatt ir-rikors odjern huwa intempestiv ghaliex ma jirrizulta minn imkien li kien hemm smiegh u konsegwenti decizjoni bi ksur tal-imsemmi Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*
*Illi kif inghad is-semplici rikuza "ut sic" ma tippruvax li sar ksur tal-imsemmi Artikolu."*

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Qabel xejn ghandu jigi carat li fir-risposta tal-konjugi Arcidiacono hemm zball fl-ewwel paragrafu in kwantu fil-proceduri meritu ta' ritrattazzjoni kienu l-konjugi Arcidiacono li pprocedew kontra s-socjeta` rikorrenti odjerna ghall-hlas tas-somma ta' LM20,000 (Citaz. nru 1612/96). L-imsemmija proceduri gew determinati b'sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Gunju

1999 meta l-appell tas-socjeta` konvenuta gie michud u s-sentenza appellata konfermata bil-konsegwenza li t-talbiet attrici gew milqugha u dana bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` konvenuta.

In segwitu ghal din is-sentenza s-socjeta` konvenuta, illum rikorrenti, istitwit proceduri ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell u, meta l-kawza giet appuntata quddiem dik il-Qorti li, dak iz-zmien, kienet komposta mill-istess Imhallfin li kienu ddecidew l-appell determinat fit-8 ta' Gunju 1999 tresqet eccezzjoni ta' rikuzati tal-Imhallfin kollha li kienu hekk jikkomponu l-Qorti tal-Appell in kwantu r-ritrattazzjoni kienet qed tintalab a bazi tas-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din l-eccezzjoni giet 'provizorjament' determinata b'sentenza tat-8 ta' Frar, 2000 meta l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, b'rispett lejn l-insenjament tal-istess Qorti f'sentenzi precedenti, qalet hekk:-
"*Din il-Qorti kkonsidrat il-premessi tar-ritrattand ghat-talba tieghu biex il-kawza tinstema mill-gdid u ma hiex sodisfatta semplicement mill-vizjoni ta' l-atti u qabel ma tisma trattazzjoni ulterjuri illi c-cirkostanzi kienu tali li jimponu fuqha li taccetta t-talba ghar-rikuza. Tkun qabel xejn accertata illi r-rikors ta' ritrattazzjoni ma kienx intiz biex ir-rikorrent ritrattand jakkwista smiegh gdid tal-mertu minn din il-Qorti diversament preseduta jew altrimenti ma kienx wiehed semplicement frivolu u intiz biex ir-ritrattand jakkwista tul taz-zmien u jirritarda l-esekuzzjoni tas-sentenza kontra tieghu.*"

L-Onorabbli Qorti tal-Appell b'dan il-mod irribadiet dak li kien gie ripetutament stabbilit f'sentenzi precedenti kif riportat fis-sentenza tas-26 ta' Ottubru 1994 fil-kawza Fedele Dalli vs Coronato Sare` u cioe` li qabel ma tigi akkolta t-talba ghar-rikuza huwa d-dmir tal-Qorti li qabel xejn tara jekk 'prima facie' t-talba ghar-ritrattazzjoni ghandha xi fondament.

Infatti fis-sentenza taghha tat-8 ta' Frar 2000 l-Onorabli Qorti tal-Appell qalet hekk: "*F'dik il-kawza* (Dalli vs Sare`)

*l-Qorti ghaddiet in rassenja l-gurisprudenza li llum akkwistat konsistenza u waslet ghall-konkluzzjoni illi minn ezami tal-petizzjoni tar-ritrattazzjoni mhix prima facie konvinta li l-invokazzjoni tal-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u t-talba relattiva mhix maghmula semplicement biex jigi aggirat dak li jiddisponi l-artikolu 814 (Kap 12) u ghalhekk l-istess eccezzjoni (ta' rikuza) giet michuda b'riserva li l-Qorti tirrikonsidra l-posizzjoni jekk fil-kors tat-trattazzjoni jirrizultaw cirkostanzi ohra li jkunu jiggustifikaw tibdil f'dik id-decizjoni."*

Kien proprju ghalhekk li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghaddiet biex ippronunzjat ruhha fis-segwenti termini:-
*"Ghal dawn il-motivi qeghda f'dan l-istadju tichad it-talba tar-rikusa sollevata mir-ritrattand, tordna li l-appell jinstema' fil-meritu u tirrizerva li tikkunsidra mill-gdid il-posizzjoni jekk fil-kors ta' ritrattazzjoni jirrizultaw cirkostanzi ohra li jkunu jiggustifikaw tibdil f'din id-decizjoni.* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Is-socjeta` rikorrenti qed tissottometti li bis-sentenza tal-Onor Qorti Kostituzzjonali tal-10 ta' Ottubru 1991 fil-kawza fl-ismijiet "Frank Cachia vs Onor Prim Ministru et" meta tigi intavolata talba ghar-ritrattazzjoni a bazi tas-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 l-Imhallfin u l-Magistrati li jkunu taw is-sentenza attakkata jistghu (sottolinear tal-qorti) jigu rikuzati u/jew jistghu jastjenu milli jisimghu t-talba ghall-ritrattazzjoni, u b'hekk, tissottometti s-socjeta` rikorrenti, "*hemm deroga ta' natura kostituzzjonali ghall-artikolu 814 tal-Kap 12*". Dan l-artikolu jipprovdi li t-talba ghar-ritrattazzjoni ghandha ssir quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistghu joqghodu fiha l-istess imhallfin jew magistrati. (sottolinear tal-qorti)

Illi basikament l-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti in sostenn tat-talba ghar-rimedji ta' natura kostituzzjonali huma tlieta u cioe`:-
a) Illi meta cahdet l-eccezzjoni ta' rikuza l-Qorti ta' l-Appell rrestringiet l-applikazzjoni tal-imsemmija sentenza (Cachia vs Prim Ministru).

b) Illi b'dan il-mod arrogat ghaliha poteri pertinenti lill-Qorti Kostituzzjonali.
c) Illi l-Onor Qorti ta' l-Appell ma ghandhiex l-poter li tbiddel sitwazzjoni ta' anti-kostituzzjonalita` dikjarata mill-Qorti Kostituzzjonali.

Illi din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti, sew fir-rikors promotur kif ukoll waqt it-trattazzjoni orali, hija tal-fehma li s-sitwazzjoni li tipprezenta ruhha biss sentenza ossia digriet, moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Frar 2000, l-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti ma humiex gustifikati.

Kif gie riportat aktar-l fuq fis-sentenza imsemmija l-Qorti bl-ebda mod ma cahdet jew bidlet dak li gie enuncjat fis-sentenza F. Cachia vs Prim Ministru et. Anzi jidher mid-dicitura tal-parti disposittiva tal-imsemmija sentenza li dik il-Qorti kienet qed tikkonferma l-htiega li tilqa' l-eccezzjoni sollevata kemm-il darba fi stadju ulterjuri u wara li tisma' l-partijiet koncernati, tkun sodisfatta li hemm bazi ta' ritrattazzjoni a tenur tas-subinciz (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap 12. Mhux sewwa li qorti adita bi proceduri ta' ritrattazzjoni tghalaq ghajnejha ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz u semplicement tilqa' l-eccezzjoni ta' rikuza meta u kemm-il darba din tigi sollevata. Dan l-atteggjament, reklamat mis-socjeta` rikorrenti, mhux biss iwassal ghal perikolu li r-ritrattand "*jakkwista smiegh gdid tal-mertu*" izda jista` jwassal ghall-pregudizzju serju ghall-kontro parti. Huwa ghalhekk xieraq u opportun li qorti rinfaccjata b'tali eccezzjoni tezamina l-fondatezza tat-talba ghar-ritrattazzjoni bazata fuq is-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 qabel ma tippronunzja ruhha fuq it-talba ghar-rikuza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talba tas-socjeta` rikorrenti bl-ispejjes kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------